Fuq is-Slaleb li ra mal-ħajt, jista' jkun li huma tassew maħżuża għal dawk li waqgħu mejta fid-dwell: din id-drawwa għadha sal-lum li kull fejn imut xi ħadd fit-triq, iħożżu salib mal-ħajt.

Hu minnu li meta fl-1770 Brydone ġie Malta, f'bosta toroq tal-Belt kien jista' jsir id-dwell, iżda m'hux fi triq waħda biss, bħal ma qal hu. Għad li kien isir id-dwell f'xi nħawi tal-Belt, dan ma kienx imħolli li jsir mil-Liġi, bħal ma qal Brydone; biss dawk li kienu jiddwellaw fil-Belt, ma kenux jiġu magħduda bħala ħatja ta' dwell, iżda bħala ħatja li ma semgħux mill-Ħakma li ma tridx li jsir id-dwell; u għalhekk kienu jiġu mwaħħla għal ftit ħabs fil-Kastell, jew, jekk ikun xi Kavalier imqarqaċ, biex jeħilsu minnu, kien jiġi eżiljat minn Malta. Imma min kien jiddwella f'xi nħawi oħra kien jiġi mwaħħal kif titlob il-Liġi ta' l-Ordni fuq id-dwell. U dak li jkun il-ħtija tad-dwell jeħel aktar mill-Kavalier l-ieħor, li, biex ma jitlefx ġiehu, kien ikollu jilqa' l-istedina.

Il-Kavalieri kienu jiddwellaw f'dik it-triq imsemmija minn Brydone, m'hux għax dina t-triq kellha xi privileġġ, bħal ma qal hu, iżda kienu jiddwellaw fiha mħabba li kienet *triq dejqa*, u billi d-dwell irid li ħadd ma jitwarrab minn fejn ikun qiegħed waqt id-dwell, il-Kavalieri, tista' tgħid, dejjem kienu jagħżlu lilha, billi fiha kienu joqogħdu jiddwellaw b'daharhom mal-ħajt, bla ma wieħed ikun jista' jerġa' l-ura, dejjem jilqgħu d-daqqiet ta' xulxin. għax, bid-djuqija ta' dik it-triq, bix-xwabel kienu jilħqu lil xulxin sewwa.

It-triq li fiha kienu jiddwellaw il-Kavalieri, hija msemmija ħafna minn bosta kittieba li kitbu xi rumanzi ta' żmien il-Kavalieri f'Malta, u minn xi oħrajn li kitbu, minn żmien l-Ingliżi, l-hawn, fejn dawn kollha jgħidu, li t-triq li fiha kienu jiddwellaw il-Kavalieri hija Strada Stretta dik, fit-triq li tiġi taħt il-Berġa ta' Provenza il-lum il-*Malta Union Club*. Iżda dawn il-Kittieba żbaljaw meta qalu hekk: aktarx imqarqab illi x-xniegħa kienet ġriet li l-Kavalieri l-aktar li kienu jiddwellaw fi *triq dejqa*, u billi fil-Belt għandna triq jisimha Strada Stretta,—li tfisser *triq dejqa*—kien hemm xi Kittieb li dik it-*triq* li l-Kavalieri kienu jiddwellaw fiha ħadha bi Strada Stretta, u li nbagħad il-Kittieba ta' warajh qalu bħalu; imma dik it-*triq dejqa*, li fiha kien isir id-dwell m'hux Strada Stretta kienet, imma Strada Federico: triq bil-bosta idjaq minn Strada Stretta, għax il-Konti ta' Borch, li kiteb fl-1782, jiġifieri fi żmien li għad kien hawn l-Ordni f'Malta, igħid li l-Kavalieri kienu jiddwellaw



f'Rue Stretta (*Triq dejqa*) li tiġi ma' ġenb il-Palazz tas-Sultan ta' l-Ordni. (4)

It-*triq dejqa*, li tiġi qrib il-Palazz, hija Strada Federico u m'hux Strada Stretta; għax, Strada Stretta, jekk wieħed iqis it-tul tagħha, m'hux talli ma tiġix fil-qrib tal-Palazz, iżda tiġi mbiegħdha minnu qatigħ.

Isaħħaħ ukoll il-kitba tal-Konti ta' Borch,—jiġifieri li t-triq li fiha kienu jiddwellaw il-Kavalieri kienet Strada Federico—dwell li sar fi Strada Federico, u li aħna sibnieh f'wieħed mill-Manuskritti tal-Bibljoteka, fejn fid-dwell li sibna u li aħna l-quddiem bi ħsiebna nġibuh, dik it-triq ma nsibuhiex imsemmija b'isimha: iżda b'laqamha: *It-triq id-dejqa ta' San Duminku*; u din it-triq (Strada Federico) kienu jgħidulha hekk ukoll, imħabba li tiġi qrib il-Knisja ta' San Duminku.

Mela, ġa la darba l-lum, f'dana l-Għadd tal-Malti, urejna x'kien hemm tajjeb u ħażin filli kiteb Brydone fuq id-dwell fi żmien l-Ordni f'Malta u f'liema triq sewwa kienu jiddwellaw il-Kavalieri, f'Għadd ieħor inġibu l-Istorja tal-Liġijiet li kien hawn fuq id-dwell fi żmien l-Ordni, flimkien ma' xi dwellijiet li saru u li aħna sibna fit-tfittix li għamilna fil-Bibljoteka u fl-Arkivju ta' l-Ordni, biex għaqqadna dina l-Kitba fuq id-dwell.

**Ġużè Gatt**

(4) Ara Conti Borch—*Lettres sur la Sicile et l'Isle de Malthe*. Turin, 1782.

## TBEŻBIŻA

Lil dak il-Ħabib li stagħġeb li fl-Ortografija tagħna daħħalna il-Q (għall-Qof) flok il-K, ingħidulu li jitlob lill-ħabibu tal-Kajr biex jitkixxiflu il-għala kliem bħal Bulaq u Iraq li sa ftit ilu kienu jinkitbu (ħażin) Bulak u Irak issa—sa fit-timbri ta' l-ittri—qegħdin jinkitbu BULAQ u IRAQ—bil-Q u mhux bil-K.

S.